MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 336/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur AP Miruzzi)**
**Vs**

**Stefan Abela**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Novembru, 2004, ghall-habta tat-8.00 a.m. fl-inhawi tal-Ahrax tal-Mellieha, waqt stagun miftuh ghall-kacca tal-ghasafar,:
1) kien ghall-kacca f'santwarju tal-ghasafar (Ghadira);
2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu, arma tan-nar u munizzjon jew xi mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar

minghajr ma’ kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma u/jew munizzjon barra minn fond minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ftiehem jew ipprova, jew ghin, hajjar, ta parir jew qabbad lil xi persuna ohra biex jikser id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti, jigifieri ta’ A.L. 146/93 kif sussegwentement emendat jew biex jonqos milli jikkonforma ma’ xi wiehed minn dawn id-deposizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittimament moghtija bis-sahha ta’ xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti) jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni, jew htiega mposti minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghha;
5) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, naqas li josserva xi disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti, jigifieri tal-A.L. 146/93 kif sussegwentement emendat jew xi ordni ohra legittima moghtija bis-sahha ta’ xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti;
6) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, barra mill-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasfur jekk ma jkunx ghasfur li mhux imsemmi fl-iskeda I li tinsab ma dawn ir-regolamenti (A.L. 146/93, art. 9 (1)(b))

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Novembru, 2005, li biha, wara li rat l-Avviz Legali 146/93, kif sussegwentement emendat, l-Artikolu 9(1)(b), sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti w ikkundannatu ghal tlett mitt lira Maltin (LM300) multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Novembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok tilliberah minn kull piena w imputazzjoni.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsisti filli hu jichad bl-aktar mod kategoriku li kien hu li spara ghat-tajra msemmija. Ghalhekk l-akkuzi kif dedotti**

**kontra tieghu huma ghal kollox fattwalment u guridikament infondati.**

**Rat il-verbal tal-lum li bih il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt li s-sentenza appellata tista' tkun nulla minnhaba li jidher li ma gewx osservati id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.**

**Semghet it-trattazzjoni dwar dan il-punt**

**Ikkonsidrat;**

**Illi meta l-Qorti, kif taghmel dejjem, giet biex tistudja l-process, osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l-Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l-appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.**

**Ikkonsidrat ;**

**Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>**

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**"**

**[25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**"** **[9.9.2002];** "Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**"** **[10.7.2002 u 28.6.2002]** "Il-Pulizija vs. Donald Cilia**"** **[24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**"** **[14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et" **[19.5.2005] u ohrajn).**

**Dan in-nuqqas ravvizat mill-Qortri fis-sentenza appellata certament jirrendiha nulla ghaliex fil-kaz tat-tieni w t-tielet imputazzjoni, li jidhru li jaqghu taht il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, ma gie citat ebda artikolu jew artikoli tal-ligi rilevanti w fil-kaz tal-imputazzjonijiet l-ohra li jidhru li jistghu jaqghu taht l-Avviz Legali 146/93 , jew gie citat l-Avviz Legali b' mod generiku bla ma gie citat ir-regolament relattiv jew gie citat regolament wiehed li ovvjament ma hux rilevanti ghar-reati kollha li taghhom l-appellant instab hati .**

**Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal-ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"** **[3.2.1995] u ohrajn)**

**Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra" **[26.5.1994]** ; "Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**"** **[6.1.2005] u ohrajn)**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tigi trattata w deciza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------